# Il-Banda Ċittadina King's Own 1874-1993

L-iskop li għalih din il-Banda u Soċjetà Ċittadina King's Own twaqfu madwar il-Parroċċa prinċipali u matriċi tal-Belt Valletta kien biex tieħu sehem fil-festa tal-Patrijarka San Duminku, li tiġi ċċelebrata f'din il-Knisja Parrokkjali.

It-tieni skop kien biex tqanqal u ssaħħah il-ġibda għall-arti mużikali fost il-Beltin u l-poplu Malti kollu.

Biex tilħaq dan l-iskop is-soċjetà mill-bidu ħadet ħsieb li jkollha l-każin tagħha: dan kien fuq il-fosos ta' Sant'Jlermu fil-pjazzetta li hemm fuq in-naħħa ta' Triq ir-Reppublika, fiċ-ċentru tal-Belt tagħna.

Kif jgħ^d l-istoriku Malti Pietru Pawl Castagna, l-ibliet damu ftit ma qabdu din ir-rekreazzjoni tal-baned. Fil-fatt kien fl-1874 li kienet ghadha bil-kemm kemm twaqqfet l-ewwel banda li ssemmiet "La Stella". Il-promotur u direttur tagħha kien il-ġuvni Giuseppi Borg bin Mastru Indri.

Sa mill-bidu tagħha l-Banda bdiet iddoqq b'suċċess, u tant għamlet progress li l-Ħadd 23 ta' Mejju 1875 daqqet programm famuż it-Tejatru Manoel. Dan kien dovut għall-attenzjoni li l-kumitat ta biex fetaħ Skola Mużikali biex l-alljevi jkollhom fejn jitgħalmu. Dan għadu jsir sa llum, u mingħajr ebda ħlas. Tista' tgħid li kull dsrns joorġu bandisti żgħażagħ ġodda għall-Marċ ta' lejlet il-Festa ta' San Duminku, fil-Belt. Din is-sena wkoll ħerġin minn dawn l-istudenti.

Bħallissa hemm numru mhux ħażin ta' żgħażagħ li qed jattendu din l-Iskola Mużikali li hija taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Carmeol Caruana, bl-assistent Surmast Victor Debattista jgħallem strumenti ta' l-injam, u l-assistent Surmast Raymond Cremona jgħallem strumenti tar-ram. Qabel jibdew il-prattika, l-alljevi jieħud t-tagħlim meħtieġ fit-teorija.

Suċċess kbir li għamlet il-Banda kien fil-Programm tal-1991 fit-tejatru ta' l-Istitut Kattoliku, fejn fost il-kompożizzjonijiet li daqqet ippreżentat SYMPHONY FANTASTIQUE ta' H. Berlioz, op. 14. Din is-sinfonija għandha ħames partijiet li huma:
1. Reverie Passions: ii. Un Bal: iii. Scene aux Champs: iv. Marche au Supplice: v. Songe d'Une Nuit du Sabbat.

L-ewwel esekuzzjoni ta' din is-sinfonija saret fil-5 ta' Diċembru 1830. Hector Berlioz innifsu pprepara sett ta' "Programme Notes" li hu ried li jitqassmu lill-udjenza. Sa fejn hu magħruf, din is-sinfonija indaqqet bil-ħames partijiet tagħha kollha fsalt għall-ewwel darba proprju f'din l-okkażjoni. Din il-mużika hija diffiċli ħafna u tirrikjedi sforz kbir fuq il-mużiċisti.

Riċenti, fis-7 ta' Ġunju 1993 il-banda għamlet programm ieħor ta' kalibru kbir fejn daqqet:
i. Is-Sinfonija William Tell ta' G. Rossini
ii. Finale II Aida ta' G. Verdi
iii. Ballo Excelsior ta' R. Marenco, ballu ħelu ħafna.

Bil-mod li ġie milqugħ mill-pubbliku li attendi, dan kien suċċess ieħor. Dawn il-programmi kienu

taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tal-banda, Carmelo Caruana.

Taħt id-direzzjoni ta' surmastrijiet ta' fama stabbilita, l-Banda saret magħrufa kull fejn l-arti mużikali hi stmata u apprezzata: u kull min iħoss hena ta' qalb għal dak kollu li hu sabiħ u eċċelenti, ma jistax ma jinġibidx lejn din il-Banda. Din hi raġuni li kull fejn tmur iddoqq tiġbed warajha ħafna nies.

Però l-akbar tifkira li għandha l-Banda u s-Soċjetà Ċittadina King's own hija d-"DIPLOMA TA' EĊĊELENZA" li rebħet fil-Konkors Internazzjonali ta' l-Alġier fil-kategorija "A" bil-Massima Onorifiċenza ffirmata mit-tnax il-Membru tal-Ġurija kollha mmexxija mil-magħruf President tal-lokal, M. Delmas. Dan kien is-6 ta' April 1912, u b'hekk kienet l-ewwel banda Maltija li rebħet dan il-grad għoli.

F'din ir-rubrika mhux possibli li nġibu l-Istorja "glorjuża" kollha tal-banda. Kienu ħafna l-preżentazzjonijiet li rċeviet din is-Soċjetà, imma l-akbar unur mogħti, kif diġà għedna is-sena l-oħra kien tal-Majesà Tagħha r-Reġina Elizabetta II, waqt iż-żjara li għamlet f'Malta.

Fis-swali tal-każin tagħha s-Soċjetà laqgħet personalitajiet distinti kemm ċivili kif ukoll ekklesjastiċi.

Il-Banda tista' tgħid li ġiet mistiedna biex tieħu parti fil-festi tal-parroċċi kollha ta' malta, kif ukoll għal bosta snin fil-Festa ta] San Ġorġ f'Għawdex, fost oħrajn.

Barra minn Malta, il-Banda marret sa mill-1894 f'dawn il-pajjiżi: Reggio, Catania, Palermo, Acireale, Tunes, Avola, Algier, Corfù, Trieste, Fiume, Grammichele u Como.

Is-Soċjetà King's Own minn dejjem ħabirket biex tirrendi pjaċevoli il-ħajja tal-poplu malti, u dejjem fitxet li tgħolli l-Isem ta' Malta. Hija dejjem kienet minn ta' quddiem f'kull manifestazzjoni. Għalhekk hi dejjem gawdiet l-appoġġ ta' persunaġġi distinti.

Kienet il-Banda King's Own li daqqet għall-ewwel darba l-Innu Nazzjonali Malti, waqt il-Programm tal-festi tat-8 ta' Settembru fl-1936 fejn kienet waħda mill-ewlenin li kienet tiċċelebra dawn il-festi.

Din kienet parti mill-ħidma li wetqet din is-Soċjetà u Banda King's matul iż-żmenijiet mit-twaqqif tagħha f'daw il-kważi mija u għoxrin sena, mill-1874.

Vincent P. Zahra
Segretarju Onor.

Il-Kumitat tal-banda Ċittadina King's own iħeġġeġ lill-Membri u l-ammiraturi biex iżżommu libera d-data tas-Sibt 25 ta' Settembru 1993, Fis-7 p.m., biex jattendu għall-programm ieħor interessanti li se jsir fit-teatru ta' l-Istitut Kattoliku, l-Furjana.
Fost il-kompożizzjonijiet li l-Banda se ddoqq se jkun hemm żewġ sinfonijji li esegwit fil-konkors ta' l-Alġier fejn ħarġet rebbieħa fil-kategorija "A" fil-grad ta' "Eċċelenza".

L-Alljevi J. Camilleri, l-Asst. Surmast Raymond Cremona, Is-Surmast Direttur Carmelo Caruana, l-Asst. Surmast Victor Debattista, David Gauci Hampton u Joe Carabott

→



Il-Banda "King's Own" Waqt il-programm li għamlet fil-21 ta' mejju 1988 f'Egħluq il-150 sena tal-provinċja Duminkana Maltija fl-Istitut Kattoliku

↓



PHOTOCITY

**Mario Mintoff**
PHOTOGRAPHIC DEALER

Passport & I.D. Card photos while you wait

COLOUR FILM PROCESSING

57. SOUTH STREET, VALLETTA
TEL: 236723